MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 350/2009

**Benny Scerri (ID 313970M) u Ruth Scerri**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Mejju 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mitt Euro (€300) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tliet mitt Euro (€300), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------